MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 54/2010

**A B**
**vs**
**C D,**
**l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri E D, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li hu kellu ma’ l-intimata C D twieldet it-tifla E fit-23 ta’ Settembru 2007;

li l-intimata ma rrisponditx ghall-ittra ufficjali prezentata mir-rikorrent fit-termini ta’ l-artikolu 86 tal-Kap.16; li t-tifla giet registrata bhala bint ta’ missier mhux maghruf; li r-rikorrent ghandu nteress jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-wild naturali tieghu; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara

li t-tifla fuq imsemmija hija l-wild naturali tar-rikorrent, kif ukoll issir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha billi l-kliem “unknown father” jigu sostitwiti bl-isem ‘A B’ u l-konnotati tieghu, kif indikati minnu fit-tieni talba tieghu; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, filwaqt li rrefera ghall-artikoli 100A u l-artikolu 92 tal-Kap.16, oggezzjoni li jigi soggettat ghall-ispejjez tal-kawza;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha nformaw lill-Qorti li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li t-tifla E, imwielda mill-konvenuta C D, fit-23 ta’ Settembru 2007, hija l-wild naturali u bijologika tieghu, u qed jitlob ukoll il-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifla.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur u l-konvenuta Ritienne Espositu kellhom relazzjoni, interrotta b’ intervalli zghar, bejn is-7 ta’ Mejju 2006 u Marzu 2008. Fil-kors ta’ din ir-relazzjoni l-istess konvenuta skopriet li kienet tqila, u fit-23 ta’ Settembru 2007 twieldet l-imsemmija tifla.

Illi r-rizultanzi tat-test tad-DNA jikkonfermaw xjentifikament li l-imsemmija tifla hija l-wild naturali tar-rikorrent.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla E, li twieldet mill-konvenuta Ritanne D fit-23 ta' Settembru 2007 hija l-wild naturali ta' l-attur A B, u ghalhekk tordna l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifla fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, izda dawk tas-Social Worker Terese Micallef ghandhom ikunu a kariku tal-konvenuta Ritienne D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------